MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 208/2002/1

**Avviz numru 208/02DM**

**Atlas Insurance Agency Ltd fil-kwalita taghha ta' agent tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Sign It Limited abbasi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**Raymond Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' elf sitt mija tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,628.83) rappresentanti d-danni sofferti mis-socjeta attrici bhala rizultat tal-incident li sehh fl-1 ta' Novembru 2001 fin-Naxxar meta l-konvenut li fil-hin tal-incident kien qieghed isuq il-van transit bin-numru BAB 526, baqa' diehel fit-tinda proprjeta tas-socjeta Sign It Limited, u

bhala rizultat ikkaguna l-hsara ghall-liema incident hu unikament responsabbli stante illi l-istess incident sehh minhabba traskuragini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolaemnti tat-traffiku da parte tieghu.
Illi l-hsara msemmija ghamlet tajjeb ghaliha s-socjeta attrici ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha.

Bl-imghax mid-data tal-pagament u cioe' 19 ta' Frar 2002 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ppresentat kontestwalment mal-presenti kontra l-assiguraturi tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u b'hekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-esponenti ma kellu l-ebda htija ghall-incident in kwistjoni ikkawzat minn strutturi inadegwati fil-post fejn sehh l-incident;
2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Dan il-kaz jirrigwarda incident fil-konfini tas-sit tat-Trade Fair tan-Naxxar fejn il-konvent, waqt li kien qieghed isuq il-van tieghu bin-numru BAB 526 u kien qieghed jipprova jghaddi bejn zewg pilastri ta' tinda in kostruzzjoni, ma indunax bil-ventijiet li kien hemm bejn dawn il-pilastri u laqat l-istess ventijiet b'rizultat illi kkawza hsara lit-travi u pilastri ta' din it-tinda.

B’rizultat ta’ din il-habta gew ikkawzati hsarat fit-tinda li biex gew irreparati giet involuta nefqa ta’ Lm1,628.83 (elf sitt mija u tmienja u ghoxrin liri Maltin u tliet u tmenin centezmi) kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti mill-atturi senjatament mill-invoices relattivi ghal importazzjoni tat-travi sostituttivi u mid-deposizzjoni tax-xhieda prodotti mill-atturi.

Billi jirrizulta illi l-konvenut bhala wiehed mill-esibituri fit-Trade Fair li kienet qed tigi organizzata f’dak iz-zmienijiet, u billi kien ipparkeggja l-van tieghu faccata l-istess ventijiet matul il-jum fid-dawl meta setgha anke jikkonstata l-prezenza tal-istess ventijiet, u billi d-dwal tal-van tieghu kellhomm ikun sufficjenti biex jindikaw il-presenza tal-istess ventijiet u billi l-manuvra biex johrog mill-gemb tat-tinda u mhux minn quddiem ma kienetx tikkostitwixxi sewqan prudenti, jirrizulta definittivament nuqqas tal-istess konvenut li jirrendih responsabbli ghal hsarat rizultanti.

Izda il-Qorti trid tezamina wkoll jekk jirrizultawx xi nuqqasijiet da parti tal-kumpanija illi kienet qed tibni t-tinda fil-konfini tal-art tat-Trade Fair solitu destinata ghal parkegg tal-vetturi.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax illi thallew fil-post xi indikazzjonijiet biex vetturi ma jipparkeggjawx taht din it-tinda u lanqas ma jirrizulta illi thallew xi marki biex jindikaw il-prezenza tal-ventijiet bejn il-pilastri li jzommu t-tinda li fid-dlam kienu jikkostitwixxu  perikolu ghal minn setgha jkun aljenat  ma jindunax bihom.

Ghalkemm l-atturi jsosstnu illi dak il-hin tal-incident fuq il-post kien hemm dawl bizzejjed biex jindika l-prezenza tal-istess ventijiet, mid-deposizzjoni tal-konvenut u x-xhieda prodotti minnhu jirrizulta illi l-kostrutturi tat-tinda definittivament ma kienux qeghdin jipprovdu dawl f’dawk il-hinijiet tal-incident, u anke xi dawl li setgha gie pprovdut minn servizz pubbliku kien lahaq intefa’ appena kif il-konvenut kien ser jibda jipprocedi biex johrog minn taht it-tinda fejn kien ipparkeggjat.

Inoltre jirrizulta illi ma tpoggew ebda sinjali fuq il-post biex jindikaw li vetturi ma setghux jipparkeggjaw taht it-tinda in kostruzzjoni u jirrizulta illi anke fi granet precidenti vetturi kienu jipparkeggjaw taht l-istess tinda u hadd ma kien ta' istruzzjonijiet biex dan ma jibqax isir.

Ghalhekk meta jirrizulta illi t-tinda kienet qed tigi ikkostruita fuq art destinata ghal parkegg, meta vetturi kienu qed jigu permessi illi jipparkeggjaw taht l-istess tinda in kostruzzjoni, u meta jirrizulta wkoll illi ma kienu tpoggew fuq il-post ebda sinjali biex jindikaw il-prezenza ta' ventijiet u lanqas ma gie pprovdut dawl biex fis-sieghat mudlama wiehed jista' jinduna bil-prezenza tal-istess ventijiet jirrizulta illi l-kumpanija kostruttrici tal-istess tinda ghandha wkoll certa responsabbilta ghall-akkadut billi anke meta jirrizulta grad ta' responsabbilta da parti tal-konvenut minhabba li kien aljenat huwa ghandhu wkoll jigi protett minn kull-cirkostanza ohra li tista‘ iservi ta' tranell biex tinvolvih fil-kollizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-kumpanija Sign It Limited li kienet qed tikkostruwixxi t-tinda in kwistjoni u li kienet assigurata mal-kumpanija attrici ghandha wkoll responsabbilta ghall akkadut u l-Qorti qedghda tirripartixxi din ir-responsabbilta fi grad ta' nofs kull parti.

Ghaldaqstant il-konvenut huwa tenut illi jhallas nofs id-danni sofferti mill-kumpanija assikurattrici li ghamlet tajjeb ghal hsarat li soffriet il-kumpanija assikurata maghha, Sign It Limited.

In-nefqa sabiex gew sostitwiti t-travi, pilastri u ventijiet iddanneggjati ammontat ghas-somma ta' Lm1,628.83 (elf sitt mija u tmienja u ghoxrin liri Maltin u tliet u tmenin centezmi) kif indikat fl-avviz.

Izda jirrizulta wkoll illi t-travi u l-pilasrtri danneggjati baqghu fil-pussess tal-kumpanija assikurata u ghalkemm avarjati dawn ghandhom xi valur tenut kont tal-valur gholi tat-travi bhala godda u dan il-valur ghandhu jikkumpensa parti minn-nefqa ghar-riparazzjonijiet.

Izda ghalkemm ma ngibitx prova tal-estenzjoni tad-danni li sofrew dawn it-travi, il-valur taghhom ghandhu jikkumpensa biss il-valur tax-xogholijiet necessarjament involuti fil-bdil tat-travi u ghal-liema xogholijiet il-kumpanija Sign It Limited ma gewx imhallsin.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tillikwida d-danni kawzati fl-incident in kwistjoni fis-somma mitluba ta elf sitt mija tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,628.83) u billi l-konvenut gie dikjarat risponsabbli ghall-incident fi grad ta nofs tikkundannah ihallas lill-atturi nofs din is-somma ammontanti ghall tmin mija u erbatax liri maltin, tnejn u erbghin centezmi (Lm814.42), bl-imghax legali b'effett mill-1 ta April 2002

Bl-ispejjes jinqasmu bejn il-kontendenti nofs kull parti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------